MALTA

**QORTI CIVILI**
**PRIM'** AWLA
**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014
Citazzjoni Numru. 1070/2006

Kunsill **Lokali Marsa**

***kontra***

**1. Direttur (Gvern Lokali)**

**2. Direttur tas-Sahha Pubblika, u b`digriet tal-5 ta` Frar 2007 il-kliem "Direttur tas-Sahha Pubblika" gew sostitwiti bil-kliem "Tabib Principali tal-Gvern"**

**3. Onorevoli Prim Ministru**

**4. Onorevoli Ministru Ghall-Affarijiet Rurali u Ambjent**

**Il-Qorti :**

**I. Ir-rikors guramentat**

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fid-29 ta` Novembru 2006 u jaqra hekk –

*1. Illi matul is-sena tal-1998 il-Kunsill attur kien ircieva diversi lmenti minn bosta residenti li fi Triq it-Tigrija, Triq l-Istalel, Triq is-Serkin u Triq il-*

*Gerrejja, li lkoll flimkien jifformaw parti mill-akkwata maghrufa bhala l-Korsa taz-Zwiemel gewwa l-Marsa, kien qed isir rimi bla razan ta` demel taz-zwiemel, liema zwiemel huma mizmuma f`numru ta` stalel f`dik iz-zona ;*

*2. Illi rrizulta li l-Gvern Centrali li qabel kien jigbor dan l-iskart, ghal xi raguni injota u inspjegabbli waqaf milli jkompli joffri dan is-servizz u per konsegwenza ta` hekk il-Kunsill attur mis-sena 1999 b`sagrificcji kbar u bil-ghan li jipprotegi s-sahha u l-inkolumita` tar-residenti ta` l-inhawi kien kostrett iqabbad kuntratturi indipendenti biex jigbru dan id-demel taz-zwiemel, u dan a skapitu ta` xogholijiet u servizzi li kien hemm htiega li jsiru f`zoni ohra tal-lokalita` tal-Malta;*

*3. Illi matul is-snin, fiz-zona msemmija l-ammont ta` stalel u zwiemel kiber b`mod sostanzjali, bir-rizultat li l-volum ta` demel zdied konsiderevolment ;*

*4. Illi f`dawn ic-cirkostanzi, il-Kunsill attur ripetutament interpella lill-awtoritajiet kompetenti, inkluz lill-konvenuti, sabiex jinghata fondi biex ikopru l-ispejjez kbar li kien qed jinkorri izda l-ebda awtorita` pubblika ma assumiet l-obbligu li tnaddaf l-imsemmija akkwati u wisq anqas ma pprovdiet fondi lill-Kunsill attur sabiex ikun jista` jiffinanza t-tindif mehtieg ;*

*5. Illi fil-bidu ta` Lulju tas-sena 2005 il-Kunsill attur kien imgieghel iwaqqaf dan is-servizz ta` tindif minhabba nuqqas ta` fondi, izda inaspettivament l-istess Kunsill attur gie mharrek mill-Kummissarju tal-Pulizija fuq istanza tal-konvenut Direttur tas-Sahha Pubblika quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fejn akkuzawhom li zammew jew hallew li jinzamm gmigh ta` zibel jew ta` fdal, jew ta` materjal mahmug, ta` hmieg ta` bhejjem jew hmieg iehor u dan ftit granet biss wara li l-Kunsill attur kien waqqaf dan is-servizz ta` tindif ;*

*6. Illi fis-seduta tal-15 ta` Lulju 2005, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) tat digriet provizorju fejn ordnat lir-rapprezentanti tal-Kunsill attur, Francis Debono u Adrian Attard, sabiex ikomplu jwettqu dan il-gbir taz-zibel fi Triq is-Serkin u Triq il-Gerrejja, Marsa sakemm tigi finalizzata dik il-kawza, minghajr pregudizzju ghal sejbien ta` htija u dan a karigu tal-Gvern stante l-emergenza ta` imminent health risk li giet kreata ;*

*7. Illi l-Kunsill attur mis-sena 1999 'l hawn sborsa diversi ammonti ta` flus ghall-fini li s-sahha tal-bniedem ma tkunx imqeghda fir-riskju, liema obbligu kien jispetta lill-konvenuti, jew min minnhom ;*

*8. Illi l-Kunsill attur anki nterpella lill-konvenuti, anke permezz ta` ittra ufficjali, sabiex jghaddu ghal-likwidazzjoni u hlas ta` l-ammonti sborsati mill-Kunsill ghal liema ammonti kellhom jaghmlu tajjeb il-konvenuti, jew min minnhom, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti ;*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess jghidu l-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista` tkun necessarja :*

*1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, debituri fil-konfront tal-Kunsill attur wara li l-Kunsill attur sborsa ammonti konsiderevoli kif hawn fuq indikat ghat-tindif tal-akkwati maghrufa bhala l-Korsa taz-Zwiemel gewwa l-Marsa ;*

*2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta` periti nominandi, l-ammonti mhallsa mill-Kunsill attur kif fuq premess ;*

*3. Tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-Kunsill attur l-ammont hekk likwidat.*

*Bir-riserva ghal kull azzjoni fil-ligi ; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tal-(sic) ta` Mejju 2006, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Ir-risposta guramentata tad-Direttur (Gvern Lokali)</u>**

Rat ir-risposta guramentata li l-konvenut Direttur (Gvern Lokali) ipprezenta fit-<u>8 ta` Jannar 2007</u>. Din taqra hekk –

*1. Illi huwa jokkupa l-kariga ta` Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-fatti hawn taht dikjarati jafhom hu personalment ;*

*2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu diretti lejn l-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti ;*

*3. Illi l-esponenti ma jistax jinzamm responsabbli ghal xi refuzjoni ta` hlasijiet allegatament maghmula mir-rikorrenti in konnessjoni mat-tindif ta` l-akwati msemmija fir-rikors, u dan stante illi l-esponenti dejjem ghadda lill-Kunsill rikorrenti l-fondi kollha li huwa kellu jghaddilu u li l-istess Kunsill huwa ntitolat ghalihom skond il-formula tal-finanzjament li tinsab fl-Ghaxar Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363 tal-Ligijiet ta` Malta), liema finanzi jinkludu wkoll il-fondi allokati ghat-tindif ;*

*4. Salv kull risposta ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut Direttur (Gvern Lokali).

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Ir-risposta guramentata tal-Onorevoli Prim` Ministru u tal-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent</u>**

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Onorevoli Prim`Ministru u Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent prezentata fil-<u>11 ta` Jannar 2007</u> li taqra hekk –

*Illi preliminarjament l-esponenti m`humiex legittimi kontraditturi f`din il-kawza stante li l-kwistjoni hija materja li taqa` taht id-Direttur tal-Gvern Lokali u d-Direttur tas-Sahha Pubblika.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

**Ikkunsidrat :**

**IV. Ir-risposta ulterjuri tal-Onorevoli Prim` Ministru u tal-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent**

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Frar 2011 fejn laqghet it-talba tal-konvenuti Onorevoli Prim` Ministru u Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent biex jipprezentaw risposta ulterjuri.

Rat din ir-risposta ulterjuri li kienet prezentata fit-3 ta` Marzu 2011 u taqra hekk –

*Illi r-rikorrenti m`ghandhomx l-interess guridiku sabiex jippromwovu r-rikors odjern stante illi l-istess Kunsill rikorrenti qed jaqdi d-dmirijiet li qabel kienu fil-mansjoni tal-Gvern Centrali u cioe` l-esponenti ta` din ir-risposta, kif ukoll l-intimati l-ohra kollha u ghalhekk mhux permess illi l-istess Kunsill rikorrenti jintavola procedura fil-konfront ta` l-istess Gvern Centrali li hu fl-ahhar mill-ahhar parti integrali minnu.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati ghall-fini tar-risposta ulterjuri.

**Ikkunsidrat :**

**V. Ir-risposta guramentata tad-Direttur tas-Sahha Pubblika**

Rat ir-risposta guramentata li l-konvenut Direttur tas-Sahha Pubblika pprezenta fil-11 ta` Jannar 2007 u li taqra hekk –

*Illi huwa ma hux legittimu kontradittur u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi r-rapprezentanza guridika tad-Dipartiment tas-Sahha ma hix fdata lilu izda hija f`idejn it-Tabib Principali tal-Gvern u dan ai termini ta` l-Artikolu 181B tal-Kap 12.*

*Illi inoltre hija l-mansjoni tal-Kunsill Lokali jzomm il-lokalita` in kwistjoni nadifa, u ghalhekk il-pretensjoni ghal hlas ta` l-ammonti sborsati mill-Kunsill sabiex iwettaq l-obbligu tieghu, minghand il-konvenut Direttur hija ghal kollox infondata.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Ghaldaqstant l-esponent filwaqt li jgib il-premess a formali konjizzjoni ta` l-attur, umilment jitlob lil Dina l-Onorabbli Qorti illi tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u tichad bl-ispejjez it-talbiet tal-attur kif dedotti fil-konfront tieghu stante infondati u dana suggett ghal kull provediment illi Dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.*

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>L-"iter" tal-kawza</u>**

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Francis Debono u d-dokumenti li kienu annessi.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Raymond Attard fl-udjenza tat-28 ta` Jannar 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u d-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Paul Deguara fl-udjenza tat-30 ta` April 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u d-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Natalino Attard fl-udjenza tat-23 ta` Gunju 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Kalcidon Bilocca fl-udjenza tad-29 ta` Ottubru 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Pio Farrugia fl-udjenza tat-23 ta` Jannar 2009 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Adrian Attard fl-udjenza tat-30 ta` Marzu 2009.

Rat id-dokument illi l-atturipprezenta fl-1 ta` April 2009.

Semghet ix-xiehda ta` Tanya Mercieca u ta` Franco Azzopardi fl-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2009 u rat id-dokument li kien prezentat fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` John Attard Kingswell fl-udjenza tat-18 ta` Jannar 2010.

Semghet ix-xiehda ta` Pio Farrugia fl-udjenza tal-11 ta` Marzu 2010 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda tat-Tabib Principali tal-Gvern fl-udjenza tat-8 ta` Gunju 2010.

Semghet ix-xiehda ta` Silvio Frendo fl-udjenza tal-21 ta` Gunju 2010.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta` Gunju 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza..

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**VII. <u>L-eccezzjonijiet tal-konvenuti Onorevoli Prim` Ministru u tal-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent</u>**

**a) <u>L-eccezzjoni preliminari</u>**

Dawn iz-zewg konvenuti jikkontendu illi ma humiex il-legittimi kontradditturi tal-attur.

L-**<u>Art 181B(1) tal-Kap 12</u>** huwa car fis-sens illi jistabilixxi li fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji, il-Gvern ghandu jkun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarikat fil-materja in kwistjoni.

Wara li hadet konjizzjoni tan-natura tal-azzjoni attrici kif temergi mill-premessi u mit-talbiet, il-Qorti ma tara l-ebda raguni jew gustifikazzjoni fattwali jew legali ghala l-Onor Prim` Ministru u l-Onor Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ghandhom jitqiesu bhala legittimi kontraditturi tal-attur – lanqas remotament ghall-fini ta` integrita` ta` l-gudizzju.

Fil-fatt l-attur identifika u ndirizza l-azzjoni tieghu **ukoll** kontra zewg kapijiet ta` dipartiment li, fil-fehma tieghu, ghandhom iwiegbu fil-mertu ghall-istanza tieghu. Id-difiza taghhom fil-mertu tigi trattata `l quddiem.

**Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` l-eccezzjoni preliminari tal-Onorevoli Prim`Ministru u tal-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghall-attur.**

**b) L-eccezzjoni ulterjuri**

Ladarba l-Qorti qeghda tillibera lill-Onorevoli Prim`Ministru u lill-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mill-osservanza tal-gudizzju, ma hemmx aktar htiega li taghti aktar konsiderazzjoni ghall-eccezzjoni ulterjuri taghhom dwar allegata karenza ta` interess guridiku fl-azzjoni attrici, anke tenut kont ukoll tal-fatt illi l-konvenuti l-ohra ma tawx l-eccezzjoni tal-karenza ta` interess.

**Il-Qorti qeghda ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` l-eccezzjoni ulterjuri tal-Onorevoli Prim` Ministru u tal-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, spejjez ghall-attur.**

**Ikkunsidrat :**

**VIII. L-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Direttur tas-Sahha Pubblika**

Bil-korrezzjoni li, wara talba tal-attur li ma kenitx opposta, din il-Qorti (diversament presjeduta) awtorizzat, bid-digriet taghha tal-5 ta` Frar 2007, fis-sens illi l-isem tal-konvenut "Direttur tas-Sahha Pubblika" gie jaqra "Tabib Principali tal-Gvern", ma ghadx baqa` lok li din il-Qorti taghti aktar konsiderazzjoni ghall-eccezzjoni preliminari tad-Direttur tas-Sahha Pubblika.

**Ikkunsidrat :**

## IX. Eccezzjonijiet fil-mertu

Decizi l-eccezzjonijiet preliminari, jonqos li jigu trattati u decizi l-eccezzjonijiet **fil-mertu**. Fuq dan il-pjan, it-talba attrici kienet ikkontestata mid-Direttur (Gvern Lokali) u mit-Tabib Principali tal-Gvern.

Il-kontestazzjoni **fil-mertu** tad-Direttur (Gvern Lokali) hija fis-sens illi ma jistax ikun hemm responsabilita` da parti tieghu ghal rifuzjoni ta` spejjez ta` tindif fl-inhawi li jirreferi ghalihom l-attur ghaliex huwa ghadda dejjem lill-attur il-fondi kollha li l-attur kellu jedd ghalihom skond il-formula tal-finanzjament li tinsab fl-Ghaxar Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363 tal-Ligijiet ta` Malta), liema finanzi jinkludu wkoll fondi allokati ghat-tindif.

Il-kontestazzjoni **fil-mertu** tat-Tabib Principali tal-Gvern hija fis-sens illi l-mansjoni tal-attur hija li jzomm il-lokalita` nadifa, u ghalhekk hija nfondata l-pretensjoni tal-attur li jigbor minghandu l-ammonti li sborza sabiex iwettaq dak l-obbligu.

**Ikkunsidrat :**

## X. Analizi tal-provi

Il-kawza tal-lum tittratta dwar min huwa responsabbli ghall-hlas tal-ispejjez tar-rimozzjoni tad-demel taz-zwiemel fiz-zona tal-Marsa maghrufa bhala l-Korsa taz-Zwiemel li kienu sborsati mill-attur wara l-1999 : u cioe` kienu a kariku tad-Direttur (Gvern Lokali), a kariku tal-attur jew a kariku tat-Tabib Principali tal-Gvern illi ordna lill-attur sabiex inaddaf l-inhawi billi kienu fil-konfini tal-lokalita` tal-Marsa.

Irrizulta li fis-snin precedenti ghall-1999 dak it-tindif partikolari kien isir mill-Gvern Centrali u kien ihallas ghal dak is-servizz hu mhux l-attur. Wara l-1999, il-Gvern Centrali ma baqax jigbor dak l-iskart. Ghax l-attur ried jittutela l-interess tar-residenti tal-inhawi, inkarika kuntrattur biex jigbru dak l-iskart. Billi l-ispiza kienet notevoli, l-attur inkorra l-ispiza ghad-detriment ta` xoghol iehor li seta` jsir fil-lokalita`. L-attur qieghed jippretendi li spiza straordinarja ta` dik ix-xorta ma kellha qatt tkun a kariku tieghu u ghalhekk mexxa bil-kawza

tal-lum ghaliex ghalkemm talab fondi minghand il-Gvern Centrali ghal dak is-servizz dan tal-ahhar ma kkonformax mat-talba tal-attur.

Fi kliem Francis Debono li kien Sindku tal-lokalita` tal-Marsa fl-affidavit tieghu a fol. 24 : *"Bhala Kunsill tlabna l-ghajnuna ta` l-Awtoritajiet ikkoncernati izda l-ghajnuna finanzjarja li kellna bzonn baqghet ma wasslitx".*

Fl-2005, l-attur waqaf is-servizz ta` tindif tad-demel taz-zwiemel mill-inhawi tal-Korsa tal-Marsa ghax kellu karenza ta` fondi bil-konsegwenza pero` li t-Tabib Principali tal-Gvern inizja proceduri kriminali kontra l-kunsill attur minhabba l-qaghda sanitarja hazina li n-nuqqas tal-gbir ta` dak l-iskart kien qieghed igib mieghu.

Kalcidon Bilocca xehed hekk a fol 148 :

*"Jiena noqghod Serkin Street Marsa. It-triq fejn noqghod jiena qeghda fil-korsa taz-zwiemel. Fit-triq hemm residenzi u remissi taz-zwiemel. Meta jkollhom ir-remissi jitfghu z-zibel barra u l-ilma. Jarmu iz-zibel taz-zwiemel u affarijiet li jkollhom x`jaqsmu maz-zwiemel bhal affarijiet ta` medicini, fliexken tal-plastic u hekk. Dawn kienu qed jigbruhom fi xkejjer dan iz-zibel pero` dan ikun munzell kbir. Qabel kienu jitfghuh fl-art. Jigifieri munzell. Dawn kienu jkunu munzelli fit-toroq.*

*Ahna konna nilmentaw u ghadna nilmentaw dwar dan ma` ministri, fuq ir-radju, ma` tas-Sanita` u mas-Sindku tal-Marsa u kien jghidilna li qieghed f`kawza il-Qorti. In-nies jghidulna li qeghda f`idejn is-sindku. L-awtoritajiet jghidulna gejjin pero ma jaghmlu xejn. Ahna konna nirrapportaw il-Hamrun u ghad jinzel sallum u xbajna nirrapurtaw.*

*Kien gie scammel u jimlieh. Mill-elezzjoni lil hawn gabu skip. Knies ghadu ma sar xejn."*

Irid jinghad illi z-zona in kwistjoni kienet maqsuma f`sezzjonijiet li jaqghu taht ir-responsabbilta` ta` entitajiet differenti. Jidher pero` li l-iskart in kwistjoni kien qed jitqieghed fit-toroq li kienu jaqghu taht ir-responsabilita` diretta tal-attur. Hemm imbaghad il-kontenzjoni tal-attur illi ghax il-Gvern Centrali ma kompliex bis-servizz ta` tindif ta` dik iz-zona, kellu jispicca li jkun hu, fl-interess tar-residenti, li mat-tindif l-iehor tal-lokalita` jnaddaf ukoll kull fejn qabel kien jitnaddaf fuq responsabilita` tal-Gvern Centrali.

John Attard Kingswell, Direttur tas-Sahha Pubblika, xehed a fol 358 illi : *"Safejn naf jien l-main roads jaqghu taht il-Gvern Centrali waqt li t-toroq l-ohra kollha jaqghu taht il-Kunsill Lokali".*

**Natalino Attard, Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kien mistoqsi hekk (ara fol 141 et seq) : *"Issa inkun korrett nghid illi l-flus li qed jintalbu mill-Kunsill Lokali tal-Marsa f`din il-kawza jirreferu ghal tindif li sar mill-Kunsill Lokali go area li ma kenitx taqa` fil-mansjonijiet tieghu biex tnaddaf ?"* Ix-xhud wiegeb fl-<u>affermattiv</u>.**

Adrian Attard - Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Marsa – xehed a fol 163B illi Triq is-Serkin, Triq il-Gerrejja u Triq l-Istalel, (li principalment kienu t-toroq li fir-rigward taghhom ir-residenti kienu jilmentaw minhabba l-hmieg esagerat ikkagunat miz-zwiemel) kienu jaqghu taht ir-responsabilta` tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. Skond l-istess xhud, dak li kien qed jigri kien illi persuni kienu qeghdin jitfghu skart "*fl-areas li huma responsabbilta` tal-Kunsill. Jigifieri l-akkumulazzjoni ta` hmieg qed ikun fl-area tal-Kunsill."*

Adrian Attard xehed ukoll (ara fol 163C) illi : *"Ahna bqajna ovvjament l-obbligu kemm lejn il-ftit residenti li hemm u kemm minhabba s-Sanita` li bdiet tghidilna li intom responsabbli ahna hadna konxjenzjosament ir-responsabilta` biex ma nhallux pandemija".*

U kompla jghid ukoll illi :

*"Mela effettivament id-Dipartiment qed jammetti illi iva dik hija spiza straordinarja ghal-Kunsill li ma kkalkolax hu qabel."*

Ix-xhud iddikjara li l-fondi allokati lill-attur jammontaw ghal Lm700 semplicement biex isir knis *ta` l-area* ghal darba biss fil-gurnata u dawn huma ikkalkulati bil-metragg tat-triq u kemm ikun hemm residenti fiha.

Is-Sindku Francis Debono fl-affidavit tieghu jaghti elenku tal-flus li l-kunsill tal-Marsa kien kostrett jisborza sabiex jaghti harsien lis-sahha tar-residenti ta` dawk l-akkwati tal-Marsa. Marru l-ewwel ghall-kiri ta` numru ta` skips, izda dak it-tentattiv ta` soluzzjoni ma kienx success bejn minhabba l-ispiza nvoluta u bejn minhabba l-atti ta vandalizmu li saru fuq l-iskips. Dlonk wara tlett snin waqaf l-uzu ta` l-iskips. Skartata dik is-sistema, il-kunsill mar biex iqabbad kuntratturi biex inaddfu z-zona (ara Dok FB10, FB11 u FB16 li kienu annessi ma` l-affidavit ta` Francis Debono).

Francis Debono pprezenta wkoll diversi kopji ta` tenders. Kienu esebiti wkoll numru ta` invoices u ricevuti (Dok. FB18 – Dok FB 40 esebiti ma` l-affidavit ta` Francis Debono). Dawn ikopru s-snin meta l-attur ma kellux ghazla

ohra hlief li jnaddaf iz-zona in kwistjoni. Dawn id-dokumenti huma prova tal-fatt illi sal-2005, l-attur kien hallas attwalment is-somma ta` €60,000. Hemm prova ta` dan l-esbors mir-*Report to Management for the Financial Year ended 31st March 2005* (Dok KLM 2 a fol. 206) liema rapport kien konfermat mill-Awditur Franco Azzopardi.

In kwantu jirrigwarda l-ispiza tat-tindif taz-zona in kwistjoni, l-ewwel sejha ghall-offerti saret fl-2002. It-tender mar favur Raymond Attard u kien jammonta ghal Lm3,700 (ara Dok FB10). Billi Raymond Attard irtira, it-tender inghata lil dak li kien gie fit-tieni post u cioe` l-"Waste Management Strategy Implementation Department". (ara Dok FB11). It-tender kien ghal Lm3,987.

Jirrizulta li wara dak it-tender, l-attur kien kostrett iwaqqaf is-servizz ta` tindif minhabba problemi ta` finanzi. Qabel temm is-servizz, l-attur ta avviz lill-awtoritajiet kompetenti.

Fl-2004 il-kuntratt inghata lil Paul Deguara. Il-kuntratt kien mgedded. Paul Deguara kien l-uniku li tefa` l-offerta li kienet accettata ghall-prezz ta` Lm10,459.52. (Dok FB 16).

Tenut l-assjem in piena konsiderazzjoni, ikun ghal kollox ragonevoli ghal din il-Qorti li tqis ghall-fini ta` prova li l-esbors ta` spejjes li kien kostrett jaghmel l-attur jammonta ghal €60,000 (ekwivalenti ghal Lm 26,000).

**Ikkunsidrat :**

**XI. <u>Rizultanzi</u>**

L-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali (illum Kap 363 tal-Ligijiet ta` Malta) jistabilixxi – fost ghadd ta` hwejjeg ohra – x`hinuma l-funzjonijiet tal-kunsilli lokali. Fost dawn il-funzjonijiet, insibu fl-Art 33(1)(b) illi - *jipprovdi għall-ġbir u ġarr ta' żibel minn kull post pubbliku jew privat, għaż-żamma tal-indafa.*

Naturalment din id-disposizzjoni tapplika – inkella ma taghmilx sens – ghal dawk l-inhawi li jaqghu taht ir-responsabilita` tal-kunsill attur.

Qeghda ssir din l-enfasi ghar-raguni illi l-Legislatur dehrlu li kellu jaqsam lokalitajiet inkluza l-Marsa b`mod illi ghal xi aspetti – partikolarment certi toroq

– jigu jaqghu taht ir-responsabilita` minghajr riserva tal-Gvern Centrali, u toroq ohra jaqghu taht ir-responsabilita` tal-kunsill lokali koncernat.

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti hija rinfaccjata bi stqarrija cara u timpida ta` Natalino Attard li kien id-Direttur (Gvern Lokali) illi z-zona fejn naddaf l-attur kien jaqa` taht ir-responsabilita` tal-Gvern Centrali.

Skond l-Art 55(1) tal-Kap 363, huwa obbligu ta` kull sena ta` l-*Ministru responsabbli għall-finanzi* li *jalloka vot taħt l-Att dwar l-Approprjazzjoni li għandu jintuża għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Kunsilli kif jidhru taħt dan l-Att.*

**Huwa evidenti li mhux kull kunsill lokali huwa bhal iehor. Mhux kull kunsill lokali jiltaqa` mal-istess problemi. U fejn kunsill lokali jkun kostrett jagixxi ghall-interess tar-residenti m`ghandux isib ostakolu wiehed wara l-iehor mill-Gvern Centrali izda ghandha tinghata konsiderazzjoni misthoqqa kull fejn il-kunsill iqieghed l-ewwel l-interess tar-residenti – generali jew partikolari – qabel kull qies iehor.**

Jidher evidenti fil-kaz tal-lum illi fil-fehma tal-attur il-Gvern Centrali naqas milli jiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi fit-toroq ta` z-zona in kwistjoni bhala fatt kien hemm "aktar zwiemel milli residenti". Inoltre l-iskart li jipproducu t-tnejn kellu jingabar separatament.

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi kien jispetta lid-Direttur (Gvern Lokali) li jintervjeni fil-parametri tal-ligi occorrendo mad-Dipartiment tal-Finanzi sabiex tigi trattata favorevolment il-lanjanza gustifikata tal-kunsill attur. Ma jaghmilx sens illi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali li mieghu jittratta kunsill lokali jabdika r-responsabilitajiet generali tieghu u jittrincera ruhu rigidament u b`mod inflessibbli wara konsiderazzjonijiet ta` estimi minghajr ma jaccetta li dak li sar mill-kunsill attur ma kienx xi kapricc izda kien il-konsegwenza ta` impenn legittimu favur residenti tal-lokalita` li kienu rinfaccjati b`riskji sanitarji minhabba n-nonkuranza ta` haddiehor. Jekk koinvolgiment finanzjarju dirett tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali - kif qeghda tifhmu li ghandu jkun l-Qorti - ifisser li dak id-Dipartiment ikollu jdur fuq Dipartimenti ohra tal-apparat tal-Istat allura tal-ewwel jibqaghlu d-dritt ta` rivalsa – anke jekk amministrattivament - ghal kull versament ta` flus agguntiv li jkun kostrett jaghmel favur il-kunsill attur.**

Adrian Attard xehed hekk : *"meta thaddmet il-formula tal-funding, ikkalkulaw biss dawn il-households li hemm, illi ma tantx hemm households hemmhekk .... jigifieri lanqas ikkalkolaw il-bhejjem, l-ammont konsiderevoli ta` bhejjem li dawn baqghu telghin il-hin kollu il-bhejjem. Spiccajna ukoll bil-blokkijiet kwazi ta` flettijiet bil-bhejjem go fihom dawn. U ahna bqajna l-hin kollu nnadfu ghax hekk konna gejna mitlubin mis-Sanita`. "*

Skond il-Kap 363 huwa l-Ministru tal-Finanzi li jiddetermina l-allokazzjoni tal-fondi. Pio Farrugia mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali xehed a fol. 392 illi : *"It-tqassim tal-fondi mhux qed jikkalkula li jingabar l-iskart taz-zwiemel minn mal-iskart domestiku kummercjali".* Silvio Frendo mill-istess Dipartiment (ara fol 384) xehed illi l-fondi allokati huma ntizi biex ikopru l-funzjonijiet kollha li tal-kunsilli lokali fil-parametri stabbiliti mil-ligi. Meta Frendo kien mistoqsi jekk l-allokazzjoni tal-fond lill-kunsilli bhal dak attur kenitx tikkomprendi t-tindif partikolari li sar mill-kunsill tal-Marsa, ix-xhud wiegeb : *"Le xejn. Ikkalkulati biss il-metragg tat-triq u kemm hemm residenti go fiha."*

**Ghal din il-Qorti saret il-prova illi l-fondi li kienu allokati lill-attur kienu jkopru spejjez ta` tindif ordinarju fil-konfini tal-lokalita`. Bla dubju ma kienux intizi biex ikopru nhawi li ma kienux jaqghu taht ir-responsabilita` tal-attur, u li l-attur sborsa – din il-Qorti tghid – intortament – ghaliex kellu quddiemu l-interess ewlieni tar-residenti – filwaqt illi haddiehor abdika mir-responsabilitajiet tieghu – kienet x`kienet ir-raguni. Irrizulta ampjament illi l-fondi allokati lill-attur ghat-tindif ordinarju ma kienux bizzejjed biex ikopru l-gbir regolari u kostanti mill-kunsill attur tad-demel taz-zwiemel fil-Korsa tal-Marsa.**

Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali materjalment jghaddi l-fondi lill-kunsilli ghat-tindif.

Adrian Attard (a fol 163C u D) xehed -

*"Id-Dipartiment esiga u l-formola kif hadimha biex itina l-allokazzjoni finanzjarja tas-sena, hadimha b`tali mod u manjera illi dawn it-toroq principali, jigifieri li huma responsabbilta` taghna, innaddffuhom darba fil-gimgha, fejn hemm iz-zwiemel u demel akkumulat kuljum. Dan huwa prova, l-ewwel kuntratt li hareg jigifieri li gie ffirmat ukoll mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali ghan-nom taghna fejn qed jindika t-toroq li huma responsabbilta` tal-Kunsill u jindika car u tond illi huma li jridu jitnaddfu darba fil-gimgha. Dan ifisser illi meta thaddmet il-formola tal-funding, ikkalkolaw biss dawn il-households li hemm, illi ma tantx hemm households hemmhekk qed tifhem, jigifieri lanqas ikkalkolaw il-bhejjem, l-ammont konsiderevoli ta` bhejjem li dawn baqghu telghin il-hin kollu il-bhejjem ...*

*Ikkalkolati biss il-metragg tat-triq u kemm hemm residenti go fiha.*

*... ir-responsabbilta` hija li skond id-Dipartiment hadimha darba fil-gimgha illi tinkines, effettivament l-area tehtieg hafna iktar, pjuttost illi trid bniedem il-hin kollu."*

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li ghall-esbors zejjed li nkorra l-attur ghandu jaghmel tajjeb id-Direttur (Gvern Lokali) ghar-ragunijiet diga` spjegati u ndikati qabel.**

Adrian Attard xehed hekk –

*"Fil-fatt illum il-gurnata id-Dipartiment tant qed jirrikonoxxi dil-problema illi llum il-gurnata l-kuntratt ahna hrignieh ahna u qed jirrifondi kull xahar ta` dawn l-ispejjez. Mela effettivament id-Dipartiment qed jammetti illi iva dik hija spiza straordinarja ghall-Kunsill li ma kkalkolax hu qabel.*

*... effettivament illum il-gurnata irrikonoxxa, id-Dipartiment irrikonoxxa illum il-gurnata ghax fil-fatt ghal sena shiha llum qed ihallas hu, qed inqabbdu ahna bhala kuntrattur ahna, nibghatulu l-invoice u effettivament ahna nhallsuh il-Kuntrattur u nigu reimbursed tal-flus."*

Il-Qorti teskludi li l-konvenut Tabib Principali tal-Gvern ghandu jinkorri "danni" fil-konfront tal-attur. Del resto dan il-konvenut qieghed quddiemu l-premura u l-htiega tas-sahha pubblika u agixxa prontament kontra l-ovvju li ghalih kien l-attur. Fil-fehma tal-Qorti t-Tabib Principali tal-Gvern bhala fatt agixxa kontra min ma kellux, u ghalkemm mhux se jkun ritenut responsabbli ghal danni jew xort`ohra vis-a-vis l-attur, certament in kwantu ghar-rigward ta` spejjez gudizzjarji, ikollu jgorr il-piz tal-azzjonijiet tieghu.

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi l-kawza billi –**

**Tilqa` l-eccezzjoni preliminari tal-Onorevoli Prim`Ministru u tal-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez unikament ghall-kunsill lokali attur.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti Onorevoli Prim`Ministru u tal-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, spejjez unikament ghall-kunsill lokali attur.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Direttur tas-Sahha Pubblika, spejjez unikament ghall-kunsill lokali attur.**

**Tilqa` l-eccezzjoni fil-mertu tat-Tabib Principali tal-Gvern, spejjez unikament ghall-kunsill lokali attur.**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha fil-mertu tal-konvenut Direttur (Gvern Lokali), spejjez unikament ghall-konvenut Direttur (Gvern Lokali).**

**Tilqa` l-ewwel talba limitament fil-konfront tal-konvenut Direttur (Gvern Lokali), spejjez unikament ghall-konvenut Direttur (Gvern Lokali).**

**Tilqa` t-tieni talba u tillikwida l-ammont dovut lill-kunsill lokali attur fl-ammont ta` sittin elf Ewro (€60,000), spejjez unikament ghall-konvenut Direttur (Gvern Lokali).**

**Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut Direttur (Gvern Lokali) sabiex ihallas lill-kunsill lokali attur l-ammont ta` sittin elf Ewro (€60,000), bl-imghax legali b`effett mil-lum, spejjez unikament ghall-konvenut Direttur (Gvern Lokali).**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------